


# L-OMM TA' ĠESÙ ĦDEJN IS-SALIB (2)

*Mons. Lawrenz Sciberras*

## Il-Ġeneru letterarju

Bosta minn missirijiet il-Knisja jaqblu bejniethom meta jippreżentaw Ġw 19, 25-27 bħala t-testment ta' Ġesù, preċiżament waqt l-aħħar mumenti tal-ħajja tiegħu hawn fuq l-art. Għal Kriżostmu, Ċirillu ta' Lixandra, Wistin, u magħhom Ambroġ din ix-xena hija unikament

l-aħħar att ta' l-iben il-maħbub, li qabel ma miet ħalla lill-istess ommu lid-dixxiplu l-maħbub. Naturalment kif sejrin naraw aktar 'il quddiem fil-preżenza ta' Ġwanni kien hemm ippreżentati l-bnedmin kollha ta' rieda tajba.

I. de la Potterie meta jiġi biex ifisser u jittraduċi dan il-att li Ġwanni għamel ma' Marija u mad-dixxiplu l-maħbub u li bil-Grieg jaqra *élaben ha mathéthés auten eis tà idia*, li bil-Latin huwa *accepit eam discipulus in sua*, jgħid li din għandha tinftiehem f'sens ta' relazzjoni spiritwali ġdida bejn iż-żewġ persuni prediletti preżenti taħt is-salib. Id-dixxiplu l-maħbub fehem sew it-tifsira sħiħa ta' l-aħħar xewqa messjanika ta' l-imgħallem tiegħu Ġesù. Din l-inizjattiva telqet minn għand Ġesù li qal espressament: "Hawn hi ommok". Id-dixxiplu għalhekk fetaħ qalbu għar-rigal li għamillu Ġesù, u b'att sħiħ ta' fidi, minn dik is-siegħa stess laqa' għandu lil dik il-mara li sa minn dak il-mument kienet l-Omm ta' Ġesù (I. de la Potterie, "*La Passione di Gesù secondo il vangelo di Giovanni*" Milan 1988). Dan l-awtur għalhekk jipproponi din il-versjoni: "Minn dak il-waqt id-dixxiplu laqagħha fl-intimità tiegħu". Il-kelma "intimità" tfisser li aktar minn daqshekk id-dixxiplu ma setax jagħmel ma' Marija li issa kienet tilfet lil binha l-għażiż.

M. de Goedt ħareġ bl-idea li din l-iskema għandha għeruq tagħha fit-Testment il-Qadim: Hekk Isaija: "Għolli u dawwar għajnejk madwarek u ara: ilkoll miġbura ġejjin għandek, uliedek ġejjin mill-bogħod u bnietek iġorruhom fuq id-dirgħajn" (Is 60, 4). Ara wkoll Bar 4, 36-37; 5,5.

Hemm possibiltà oħra li tikkaratterizza il-ġeneru letterarju ta' Ġwanni 19, 25-27 fejn tista' tipproponi formula ta' patt jew alleanza. Il-formula ta' reċiproċità hija din: "Hekku l-iben tiegħek" u "hekku ommok", tista' tfakkar ukoll fil-formula ta' adozzjoni f'Rut 1,16: "U Rut wieġbet: 'Iġġagħalnix nitilqek u nerġa' lura minnek; fejn tmur int, immur jien; fejn toqgħod int, noqgħod jien; niesek niesi; Alla tiegħek, Alla tiegħi'". Ara wkoll Għos. 2,25; Ġer. 24,7).

Is-sejħa impliċita għal alleanza f'Ġw. 19, 25-27 tista' tfisser li meta Ġesù ta lil ommu lid-dixxiplu l-maħbub, hu kien qed jirrikonoxxi l-bnedmin bħala ulied awtentiċi ta' Alla li f'dak il-mument isiru lkoll aħwa. Hawn il-maternità spiritwali issib il-milja kollha tagħha.

## Letteratura simbolika

Paul Rioer iħobb jgħid li l-interpretazzjoni hija l-intelliġenza tas-sens doppju. Ir-raba' Vanġelu li jerġa' jaqra (*rileggere*) il-kotba tal-Ġenesi u l-Eżodu, fl-aħħar juri li l-kompiment sħiħ u mimli huwa Kristu. Bosta studjużi jżommu li s-sens letterali isib it-tifsira sħiħa tiegħu f'dak spiritwali. Issa se naraw flimkien is-suġġett ta' l-erba' nisa, ommijiet ta' Iżrael, li allura f'moħħ Ġwanni jista' jkun li kienu qegħdin hemm ukoll meta jsemmi 'l omm Ġesù fil-kuntest tal-passjoni. Dan il-kwalità ta' logħob Ġwanni jħobb jagħmlu ħafna fil-Vanġelu tiegħu.

Ta' sikwit it-tradizzjoni rabbinika ta' spiss issemmi l-erba' nisa matrijarki. Dawn huma: Sara, mart Abraham, Rebekka mart Iżakk, Rakele u Lija n-nisa ta' Ġakobb. Però fil-Ġudajiżmu hemm lista oħra ta' erba' ommijiet. Il-belt hija msemmija Qiriat Arba, li tfisser il-belt tal-erbgħa; Skont din it-tradizzjoni dawn in-nisa huma midfunin flimkien. Adam u martu Eva, Abraham u martu Sara, Iżakk u martu Rebekka, Ġakobb u martu Rakele. Ta' min ikompli igħid li t-tradizzjoni Ġudajka ta' spiss tippreżenta lil Sara l-ewwel matrijarka bħala Eva l-ġdida.

Is-sbuħija ta' l-ommijiet u b'mod partikulari dik ta' Eva, qiegħda fit-tradizzjonijiet kollha. L-Apokrifu tal-Ġenesi ta' Qumran 12, 2-8 jgħolli 'l fuq is-sbuħija ta' Sara. Meta r-rumanz Ġużeppi u Aseneth (1, 8) jiddeskrivi l-verġni Aseneth, ixebbaħha mal-ommijiet ta' Iżrael. "Kienet kbira bħal

Sara, ħelwa bħal Rebekka u sabiħa bħal Rakele".

## Is-siwi tal-matrijarki

Sara diġà hija msemmija f'Is 51,2 fejn ġiet imsieħba ma' żewġha Abraham f'dak kollu li kellhom jerfgħu flimkien bħal koppja familja. Flavju jsejħilha "ir-reġina u l-omm tar-razza tagħna". Jekk Abraham huwa missier il-Lhud fil-fidi xejn anqas hija martu Sara. Filun ta' Lixandra jiddiskriviha bħala l-omm tal-poplu u li rċeviet is-saċerdozju u d-don tal-profezija għal ġid ta' l-umanità kollha. Dawn it-testi kollha jippruvaw li kien hemm tradizzjoni antika, u kostanti fis-sinagogi tal-Lhud dwar din il-mara speċjali għalihom.

Ukoll il-letteratura Ġudajka insistiet fuq il-mertu ta' l-ommijiet. Bosta testi jattribwixxu l-eżodu għal mertu ta' dawn l-ommijiet. L-oppressjoni fl-Eġittu ġiet imnaqqsa waħda sew b'190 sena minħabba l-qdusija ta' l-ommijiet. Fuq il-ħatar li kellu Mosè kien hemm miktub l-isem ta' Alla, kif ukoll dak tal-patrijarki u l-matrijarki ta' Iżrael. Mosè irenexxielu jirbaħ l-attakk fuq Amalek, grazzi għall-merti tal-missirijiet u l-ommijiet tiegħu. Fost il-virtujiet li kellhom dawn l-ommijiet hemm imsemmija l-kontinenza u l-purezza.

Il-purezza ta' Sara kienet timmerita l-fidwa ta' Iżrael. Il-mirakli li saru fl-Eġittu huma l-ħlas għall-purezza u l-fedeltà ta' dawn l-erba' ommijiet. Ukoll il-ġustizzja ta' l-ommijiet għandha xeħta espjatorja fil-festa ta' l-espjazzjoni jew maħfra tad-dnubiet. L-ilbies imsemmi f'Lev 16,4, jiġifieri it-tonka, il-qalziet minn taħt, it-terħa u t-turbant, għandu xeħta lejn dawn l-erba' ommijiet. Dejjem skont it-Targum, il-mertu ta' dawn l-ommijiet hija barka fuq l-art. Il-fatt li Ġwanni b'mod intenzjonali ppreżenta erba' nisa ħdejn is-salib, irid juri t-twettieq tas-suġġett tal-erba' ommijiet ta' Iżrael.

Kif diġà fissirna, dan is-suġġett huwa wieħed magħruf ħafna fil-Ġudajiżmu tal-ewwel seklu. Hekk Marija hija Sijon eskatoloġika, imma wkoll Eva l-ġdida, u Sara l-ġdida. Hija l-omm tad-dixxipli li fil-patt il-ġdid saru l-aħwa ta' Ġesù. L-espjazzjoni li saret bil-mewt tiegħu hija assoċjata wkoll mal-merti ta' dawn l-ommijiet.

